IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 16.12.2014
COM(2014) 910 final

ANNEX 2

**ANNESS**

***mal-***

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSIL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2015**

**Bidu Ġdid**

MT MT

# Anness II: Lista ta' proposti pendenti li qed jiġu rtirati jew modifikati

Irtirar għal raġunijiet għajr meta jkun hemm obsoloxxenza, kif ukoll modifiki, huma indikati b'**tipa grassa**

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| **Agrikoltura u Żvilupp Rurali** | | | |
| 1. | COM/2010/0537 2010/0266/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) | Il-proposta skadiet bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1305/2013. |
| 2. | COM/2010/0539 2010/0267/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa | Il-proposta skadiet bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1307/2013 - ir-riforma tal-PAK. |
| 3. | COM/2010/0745 2010/0365/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL (UE) Nru …/ ta' ... li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 165/94 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 78/2008 | Il-proposta skadiet bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1306/2013 - ir-riforma tal-PAK. |
| 4. | COM/2010/0738 2010/0354/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni | Il-proposta skadiet bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1308/2013 - ir-riforma tal-PAK. |
| 5. | COM/2010/0759 2010/0364/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi | Proposta integrata f'COM (2014) 0180 adottata fid-19 ta' Marzu 2014. |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| 6. | COM/2010/0761<br>2010/0366/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 485/2008 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri fuq transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija | Il-proposta skadiet bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1306/2013 - ir-riforma tal-PAK. |
| 7. | COM/2010/0799<br>2010/0385/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika) | Il-proposta skadiet bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1308/2013 - ir-riforma tal-PAK. |
| 8. | COM/2011/0193<br>2011/0075/NLE | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet, rifużjonijiet u prezzijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni unika tas-swieq agrikoli | Ma għadhiex tgħodd. Ir-riforma tal-PAK ħadet f'idejha l-proposta. |
| 9. | COM/2011/0663<br>2011/0290/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi. | Il-proposta skadiet, peress li l-kontenut tagħha ttieħed minn 2013/0398/COD |
| 10. | COM/2013/0159<br>2013/0087/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNILL dwar l-iffissar ta' rata ta' aġġustament għal pagamenti diretti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 | Ma għadhiex tgħodd. Il-proposta skadiet fit-30 ta' Ġunju 2013 skont l-Artikolu 18 tar-Regolament 1290/2005. |
| 11. | COM/2013/0521<br>2013/0247/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) | Il-proposta skadiet bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament 1310/2013 - ir-riforma tal-PAK. |
| 12. | **COM/2014/0032<br>2014/0014/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-iskema għall-għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi** | **L-iskema sħiħa se tiġi evalwata għas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u raġunament ta' regolamentazzjoni aħjar bħala parti mis-simplifikazzjoni tal-PAK. Sakemm isir dan il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-koleġiżlaturi li l-ħidma fuq il-proposta emendatorja tal-2013 għandha tiġi sospiża.** |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| 13. | COM/2014/0175<br>2014/0097/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iffissar ta' rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 għas-sena kalendarja tal-2014 | Il-proposta skadiet fit-30 ta' Ġunju 2014 skont l-Artikolu 26 tar-Regolament 1306/2013. Kontenut integrat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li sadanittant ġie adottat (COM/879/2014). |
| 14. | **COM/2014/0180<br>2014/0100/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li jemenda r-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali] u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007** | **Jekk mhux miftiehem f'sitt xhur, jirtiraw u jissostitwixxu b'inizjattiva ġdida.** |
| **Riżorsi Umani u l-Baġit** | | | |
| 15. | COM/2004/0509<br>2004/0172/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar assistenza amministrattiva reċiproka għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra | Proposta ġdida għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali ġiet adottata f'Lulju 2012 COM(2012)0363. |
| 16. | COM/2010/0071<br>2010/0047/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej | Ma għadhiex tgħodd. Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid 966/2012 ġie adottat fis-26/10/2012. |
| 17. | COM/2010/0072<br>2010/0048/APP | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2007-2013 | Ma għadhiex tgħodd. Il-proposta għal Regolament għal Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2007-13 jista' jiġi rtirat/ |
| 18. | COM/2012/0754<br>2012/0350/NLE | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jaġġusta b'effett mill-1 ta' Lulju 2012 ir-remunerazzjoni u l-pensjoni tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom | Ma għadhiex tgħodd. F'April 2014, ġie adottat ir-Regolament 423/2014. |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| Azzjoni Klimatika & l-Enerġija | | | |
| 19. | **COM/2011/0518 2011/0225/NLE** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi sistema Komunitarja għar-reġistrazzjoni tat-trasportaturi ta' materjali radjuattivi** | **L-ebda ftehim ma hu previst. Filwaqt li l-PE ta opinjoni favorevoli f'Diċembru 2013, ma kienx hemm biżżejjed appoġġ fil-Kunsill biex jintlaħaq qbil dwar il-proposta.** |
| Affarijiet Ekonomiċi & Finanzjarji, Tassazzjoni & Dwana | | | |
| 20. | **COM/0098/0030 1998/0025/CNS** | **Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tirregola t-trattament fiskali tal-vetturi bil-mutur privati ttrasferiti b'mod permanenti lil Stat Membru differenti b'rabta ma' trasferiment tar-residenza jew użati b'mod temporanju fi Stat Membru differenti minn dak li fih huma rreġistrati** | **Il-proposta tmur lura għall-1998 u ma hu previst l-ebda qbil dwar is-sustanza.** |
| 21. | **COM/2002/0456 2002/0246/CNS** | **Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti l-poteri lill-Kummissjoni biex toħroġ self tal-Euratom bl-għan li tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' impjanti tal-enerġija nukleari** | **Proposta tal-Kummissjoni magħmula fl-2002 u imblukkata fil-Kunsill għal aktar minn għaxar snin (id-deċiżjoni taħt it-Trattat Euratom kienet teħtieġ unanimità li ma ntlaħqitx).** |
| 22. | **COM/2002/0457 2002/0246/NLE** | **Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom bl-għan li tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' impjanti tal-enerġija nukleari** | **Proposta tal-Kummissjoni magħmula fl-2002 u imblukkata fil-Kunsill għal aktar minn għaxar snin (id-deċiżjoni taħt it-Trattat Euratom kienet teħtieġ unanimità li ma ntlaħqitx).** |
| 23. | **COM/2005/0261 2005/0130/CNS** | **Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar taxxi relatati mal-karozzi tal-passiġġieri** | **L-ebda ftehim ma hu previst. Il-proposta ilha mill-2005 u ma għadhiex tiġi diskussa fil-Kunsill, l-aħħar test ta' kompromess ilu mill-2007.** |
| 24. | **COM/2006/0486 2006/0165/CNS** | **Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 92/84/KEE dwar l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku** | **L-ebda ftehim ma hu previst. Ġiet diskussa fil-Kunsill għall-aħħar darba fl-2010.** |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| 25. | COM/2010/0032<br>2010/0018/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-kummerċ fil-prodotti koperti bit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, fir-rigward tal-emenda lill-Anness II tal-Protokoll 1 ta' dak il-Ftehim, skont id-dħul fis-seħħ tas-Sistema Armonizzata 2007 | Ma għadhiex tgħodd. |
| 26. | COM/2010/0034<br>2010/0019/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-emenda tal-Anness II tal-Protokoll 3 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 rigward ir-reġim kummerċjali għal prodotti agrikoli, dwar il-lista ta' xogħol jew tal-ipproċessar li meħtieġ isir fuq materjali li mhumiex ta' oriġini sabiex il-prodott manifatturat jista' jikseb status ta' oriġini, skont id-dħul fis-seħħ tas-Sistema Armonizzata 2007 | Ma għadhiex tgħodd. |
| 27. | COM/2010/0778<br>2010/0378/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni maħluq permezz tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika Kroata, fuq in-naħa l-oħra, dwar l-emendi għall-Protokoll 4 ta' dak il-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva | Il-proposta ma għadhiex tgħodd wara l-adeżjoni tal-Kroazja. |
| 28. | **COM/2011/0169<br>2011/0092/CNS** | **Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2003/96/KE li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku** | **In-negozjati tal-Kunsill irriżultaw f'abbozz ta' test ta' kompromess li żnatura kompletament is-sustanza tal-proposta tal-Kummissjoni. Barra minn hekk ma hemm l-ebda ftehim fil-Kunsill lanqas dwar l-abbozz ta' kompromess.** |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| **Impjiegi, Affarijiet Soċjali, Ħiliet u Mobilità tax-Xogħol** | | | |
| 29. | **COM/2014/0239 2014/0131/NLE** | **Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-103 sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fir-rigward ta' Rakkomandazzjoni li tissupplimenta l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat Nru 29, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol** | **Il-proposta ma tgħoddx billi l-Konferenza li għaliha kienet beħsiebha tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed skont l-Art. 218(9) tat-TFUE saret mingħajr ma l-Kunsill adotta d-deċiżjoni proposta.** |
| **L-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd** | | | |
| 30. | COM/2009/0189 2009/0057/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk tal-Punent ta' sawrell tal-Atlantiku u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk | Din il-proposta ġiet issuperata bid-dħul fis-seħħ tal-obbligu ta' ħatt kif previst fir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd. |
| 31. | COM/2009/0399 2009/0112/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi pjan fit-tul għall-istokk ta' inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk | Din il-proposta ġiet issuperata bid-dħul fis-seħħ tal-obbligu ta' ħatt kif previst f'din ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd. |
| 32. | COM/2010/0572 2010/0290/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Federali tal-Mikronesja | Wara vot negattiv dwar il-Protokoll fuq in-naħa tal-Kungress tal-FSM, il-proposta tkun tidher li m'għadhiex tikkostitwixxi bażi realistika għall-konklużjoni tal-Protokoll. Għalhekk, għandha titneħħa. |
| 33. | COM/2012/0155 2012/0077/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet. | Din il-proposta ġie issuperata mill-pjan ta' ġestjoni propost għal diversi speċijiet fil-Baltiku (COM/2014/0614). |
| 34. | COM/2012/0471 2012/0232/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll fi Skagerrak u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 u r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 | Il-parti l-kbira tal-proposta ttrattat l-introduzzjoni ta' obbligu tal-ħatt, li issa huwa kopert mill-Art 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Ma jista' jiġi mistenni l-ebda progress previst għall-bqija tal-proposta. |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| 35. | COM/2012/0591<br>2012/0285/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound. | Din il-proposta ġiet issuperata mill-pjan ta' ġestjoni propost għal diversi speċijiet fil-Baltiku (COM/2014/0614). |
| 36. | **COM/2013/0300<br>2013/0153/NLE** | **Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-HELCOM u fl-OMI dwar id-deżinjazzjoni tal-Baħar Baltiku bħala Zona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Ossidu tan-Nitroġenu (NECA)** | **L-ebda Ftehim ma hu previst.** |
| 37. | **COM/2013/0920.<br>2013/0443/COD** | **Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-atmosfera u li temenda d-Direttiva 2003/35/KE** | **Għandha tiġi modifikata bħala parti mis-segwitu leġiżlattiv għall-Pakkett tal-Enerġija u l-Klima tal-2030.** |
| 38. | **COM/2014/0397<br>2014/0201/COD** | **Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2008/98/KE dwar l-iskart, 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma, 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku 28/10/2014** | **Tiġi rtirata u sostitwita bi proposta ġdida aktar ambizzjuża sa tmiem l-2015 għal promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari.** |
| **Il-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir** | | | |
| 39. | COM/2008/0308<br>2008/0095/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija | Ma għadhiex tgħodd. Irtirar rikjest mill-PE. |
| 40. | COM/2012/0092<br>2012/0041/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija | Ma għadhiex tgħodd. |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| 41. | COM/2012/0133<br>2012/0063/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Protokoll 4 (Regoli ta' oriġini) għall-Ftehim taż-ŻEE | Qed titħejja proposta ġdida. |
| 42. | COM/2012/0329<br>2012/0159/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) | Ma għadhiex tgħodd. Ir-Regolament Nru 1085/2006 (ir-Regolament IPA I) skada fl-aħħar tal-2013 u ġie sostitwit bi strument ġdid fil-bidu tal-2014 (IPA II). |
| **Affarijiet Barranin & Il-Politika ta' Sigurtà** | | | |
| 43. | COM/2005/0281<br>2005/0121/CNS | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar ta' Protokoll għall-Qafas ta' Ftehim għall-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri, bħala parti, u r-Repubblika tal-Korea, bħala l-parti l-oħra, biex tiġi meħuda in konsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, , ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja mal-Unjoni Ewropea | Ma għadhiex tgħodd. Il-Ftehim Qafas dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni tħassar permezz tal-Artikolu 43 tal-Ftehim Qafas UE-Korea tal-2010 (ĠU L20/14 tat-23.1.2013). |
| 44. | COM/2013/0289<br>2013/0155/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra | Megħlub mill-avvenimenti, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġie ffirmat fuq il-bażi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill ġodda fl-2014. |
| 45. | COM/2013/0653 | Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra | Megħlub mill-avvenimenti, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġie konkluż abbażi ta' Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill fl-2014. |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| **Is-saħħa u s-sikurezza tal-ikel** | | | |
| 46. | **COM/2007/0090 2007/0037/COD** | **Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament 852/2004/KE dwar l-Iġjene tal-Oġġetti tal-Ikel** | **Ma għadhiex rilevanti. Il-proposta kienet inizjalment maħsuba biex tippermetti lill-SMEs jidderogaw mir-rekwiżiti tal-UE għall-produtturi tal-ikel li japplikaw awtokontrolli (HACCP) tul il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom, iżda ma ntlaqgħetx b'mod unanimu mill-Kunsill (26 kontra, astensjoni waħda). Sadanittant, linji gwida għall-applikazzjoni tal-HACCP għall-bejjiegħa bl-imnut u SMEs oħra ġew ippubblikati u jinkludu l-flessibbiltà u strumenti ta' simplifikazzjoni.<br>L-irtirar huwa inkluż fil-Komunikazzjoni REFIT ta' Ġunju 2014.** |
| 47. | **COM/2013/0262 2013/0137/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti (il-liġi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti)** | **Wara r-rifjut tal-proposta tiegħu fl-1 qari f'April 2014, il-PE talab lil COM tirtira permezz ta' ittra tal-President tal-PE datata l-11/09/2014 D(2014)41887.** |
| **Is-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs** | | | |
| 48. | **COM/2010/0371 2010/0199/COD** | **Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kumpens għall-investitur** | **L-ebda ftehim ma hu previst. Id-diskussjonijiet waqfu kemm fil-Kunsill kif ukoll fil-PE.<br>L-irtirar ġie inkluż fil-Komunikazzjoni REFIT ta' Ġunju 2014.** |
| 49. | **COM/2012/0084 2012/0035/COD** | **Proposta għal DIRETTIVA dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' sistemi pubbliċi tal-assigurazzjoni tas-saħħa** | **L-ebda ftehim ma hu previst.** |
| 50. | **COM/2012/0124 2012/0060/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi** | **Proposta biex tiġi emendata f'konformità mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni l-ġdida sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri, jitqassru l-perjodi ta' żmien tal-investigazzjonijiet u jitnaqqas l-għadd ta' atturi fl-implimentazzjoni.** |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| 51. | COM/2012/0241<br>2012/0124/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri jinnegozjaw fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (New York, s-27 ta' Lulju 2012) fil-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni | Ma għadhiex tgħodd. Proposta megħluba minn Deċiżjonijiet oħrajn, li l-aħħar waħda minnhom hija d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/165/UE li tawtorizza lill-Istati Membri li jirratifikaw, fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 89, 25.3.2014, p. 44). |
| 52. | **COM/2014/0085<br>2014/0043/NLE** | **Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Prinċipji tal-Kwalità tat-Turiżmu Ewropew** | **Il-proposta intlaqtet minn minoranza li timblokka fil-Kunsill. L-ebda ftehim ma hu previst.** |
| 53. | **COM/2014/0344<br>2014/0176/COD** | **Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tixrid ta' dejta satellitari ta' osservazzjoni tad-Dinja għal għanijiet kummerċjali** | **Jekk ma tiġix miftiehma sa sitt xhur, tiġi rtirata u sostitwita b'inizjattiva ġdida.** |
| **Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp** | | | |
| 54. | COM/2008/0244<br>2008/0270/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-ftehim Internazzjonali 2007 dwar il-Kafè | Ma għadhiex tgħodd. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 186/12) awtorizzat l-iffirmar (l-approvazzjoni) tal-Ftehim Internazzjonali 2007 dwar il-Kafé.<br>Minn dak iż-żmien l-UE hija membru uffiċjali tal-ICO. |
| **Ir-relazzjonijiet interistituzzjonali** | | | |
| 55. | **COM/2013/0451<br>2013/0218/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** | **Għandha tiġi indirizzata fil-Ftehim interistituzzjonali l-ġdid dwar Regolamentazzjoni Aħjar.** |
| 56. | **COM/2013/0452<br>2013/0220/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** | **Għandha tiġi awtorizzata fil-Ftehim interistituzzjonali l-ġdid dwar Regolamentazzjoni Aħjar.** |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| 57. | **COM/2013/0751 2013/0365/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** | **Għandha tiġi indirizzata fil-Ftehim interistituzzjonali l-ġdid dwar Regolamentazzjoni Aħjar.** |
| **Ġustizzja, Konsumaturi u Ugwaljanza bejn is-Sessi** | | | |
| 58. | **COM/2008/0637 2008/0193/COD** | **Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu** | **Jekk ma tiġix miftiehma sa sitt xhur, tiġi rtirata u sostitwita b'inizjattiva ġdida.**<br>**L-irtirar inkluż fil-Komunikazzjoni REFIT ta' Ġunju 2014.** |
| 59. | COM/2010/0082 2010/0050/COD | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-dritt ta' interpretazzjoni u traduzzjoni fi proċedimenti kriminali | Ma għadhiex tgħodd billi d-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali ġiet adottata. |
| 60. | **COM/2011/0635 2011/0284/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ** | **Proposta modifikata sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-kummerċ elettroniku fis-Suq Uniku Diġitali.** |
| 61. | **COM/2012/0035 2012/0022/APP** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea** | **L-ebda progress fil-Kunsill. Billi hija meħtieġa l-unanimità, ma hemm l-ebda prospetti li jista' jintlaħaq ftehim.** |
| **Il-Migrazzjoni, l-Affarijiet Interni & ċ-Ċittadinanza** | | | |
| 62. | COM/2009/0102 2009/0033/CNS | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen | L-irtirar ta' din il-proposta diġà tħabbar fil-proposta tal-Kummissjoni, COM(2010)0624/ COM(2010)0559. Madankollu, l-ebda att formali (separat) ta' rtirar ma ttieħed mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-proposta għadha formalment pendenti u jeħtieġ tiġi rtirata formalment. |
| **Riċerka, Xjenza u Innovazzjoni** | | | |
| 63. | COM/2011/0931 2011/0460/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adozzjoni ta' Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER (2014-2018) | Sostitwita bil-proposta COM (2013)0607. |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| **Il-Kummerċ** | | | |
| 64. | COM/2011/0380<br>2011/0167/NLE | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) | Il-proposta ma għadhiex rilevanti wara d-deċiżjoni tal-PE ta' Lulju 2012 li ma jagħtix il-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ACTA. L-irtirar għalhekk kieku jgħin biex jiċċara li l-ebda passi ulterjuri ma huma qed jiġu previsti fir-rigward tal-proċedura ta' konklużjoni. |
| **Trasport** | | | |
| 65. | **COM/2000/0802<br>2000/0326/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' fond għall-kumpens għall-ħsara mit-tniġġis miż-żejt fl-ilmijiet Ewropej u miżuri relatati** | **L-irtirar huwa meħtieġ billi l-valutazzjoni tal-impatt u l-analiżi rilevanti issa huma skaduti.<br>L-irtirar huwa inkluż fil-Komunikazzjoni REFIT ta' Ġunju 2014.** |
| 66. | COM/2005/0353<br>2005/0141/APP | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u l-Montenegro dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru | L-Istati Membri kollha rratifikaw il-Ftehim tal-ECAA (2006/36/APP) li jipprevali fuq il-Ftehim. |
| 67. | **COM/2008/0700** | **Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorju għall-Konvenzjoni fir-rigward tas-Sistema ta' Navigazzjoni fid-Danubju tat-18 ta' Awwissu 1948 (Il-Konvenzjoni ta' Belgrad)** | **L-ebda ftehim ma hu previst.** |
| 68. | **COM/2009/0217<br>2009/0063/COD** | **Il-proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni** | **L-ebda appoġġ mil-leġiżlaturi. Il-proposta ilha imblukkata mill-2010.<br>L-irtirar inkluż fil-Komunikazzjoni REFIT ta' Ġunju 2014.** |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| 69. | COM/2009/0229<br>2009/0066/APP | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti; u dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Anċillari bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti; il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti; l-Iżlanda, bħala t-tielet parti; u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti | Il-proposta inbidlet b'dan 2011/0102/NLE. |
| 70. | COM/2010/0653<br>2010/0320/NLE | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar it-twettiq mir-Repubblika tal-Kroazja tal-kundizzjonijiet għall-kompletar tal-ewwel perjodu tranżizzjonali skont il-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni Temporanja ta' Amministrazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-istabbiliment tal-Ispazju Komuni Ewropew għall-Avjazzjoni | L-ebda evoluzzjoni u l-Kroazja issa hija Stat Membru. |
| **71.** | **COM/2011/0824<br>2011/0397/COD** | **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE** | **L-ebda ftehim ma hu previst.** |
| **Kodifikazzjonijiet** | | | |
| 72. | COM/2008/0761<br>2008/0225/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa | Ma għadhiex tgħodd għax l-att li kellu jiġi kkodifikat ġie emendat minn mindu saret il-proposta. |

| Nru | COM/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar/modifika |
|---|---|---|---|
| 73. | COM/2009/0446 2009/0123/COD | Proposta għal DIRETTIVA …/…/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta' […] dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (verżjoni kkodifikata) | Ma għadhiex tgħodd għax fiha dispożizzjonijiet skaduti dwar il-komitoloġija. |
| 74. | COM/2009/0535 2009/0151/COD | Proposta għal REGOLAMENT (KE) Nru.../... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta' […] dwar l-istatistika tal-iskart (Verżjoni kkodifikata) | Ma għadhiex tgħodd għax l-att li għandu jiġi kkodifikat ġie emendat minn mindu saret il-proposta. |
| 75. | COM/2009/0634 2009/0176/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slotts f'ajruporti tal-Komunità (Verżjoni kkodifikata) | Ma għadhiex tgħodd billi fiha dispożizzjonijiet skaduti dwar il-komitoloġija. |
| 76. | COM/2010/0179 2010/0095/COD | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (Kodifikazzjoni) | Ġiet ippreżentata proposta emendata għall-kodifikazzjoni lill-PE u lill-Kunsill (COM/2013/0932). Għalhekk, il-proposta inizjali dwar il-kodifikazzjoni COM(2010)0179 issa tista' tiġi rtirata. |
| 77. | COM/2010/0184 2010/0098/CNS | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EURATOM) li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (Riformulazzjoni) | Tħejjiet proposta għal att ġdid li jissostitwixxi l-atti (COM/2013/0576). Il-kodifikazzjoni proposta COM(2010)0184 tista' tiġi rtirata |
| 78. | COM/2010/0507 2010/0260/COD | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl (Kodifikazzjoni) | Ma għadhiex tgħodd billi fiha referenza għal dispożizzjoni skaduta dwar il-komitoloġija. |
| 79. | COM/2010/0691 2010/0338/NLE | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (Kodifikazzjoni) | Verżjoni riformulata tal-att ġiet adottata (ir-Regolament 729/2014). |
| 80. | COM/2012/0008 2012/0007/COD | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' preparazzjonijiet perikolużi (Riformulazzjoni) | Ma għadhiex tgħodd. Il-proposta ma kienet indirizzata mill-ebda Presidenza tal-Kunsill u issa ma għadhiex tgħodd, billi d-Direttiva 1999/45/KE eżistenti se tiġi revokata fl-1 ta' Ġunju 2015. |